Vassalli, Peppu Canolo, Dr. Naudi, Francis Vella, Dr. Ludoviku Mifsud Tommasi, Dr. Ġalanton Vassallo, Taylor u xi ieħor 'l hawn u 'l hinn. Dawn kienu l-qalbiena li mill-1570 sa l-1840 tqabdu fl-ewwel battalja.

Imbagħad ġiet mewġa oħra ta' patrijotti: il-Prof. Zerafa, G.C. Delicata, George Percy Badger, il-Kan. Fortunato Panzavecchia. Dehret ix-Xirka Xemija u s-*Società Filologica* u magħha S. Mamo, Annibale Preca, Giobattista Falzon u A. E. Caruana.

Fl-1893 tfaċċat mewġa oħra li magħha dehret ix-xewqa li titwaqqaf Xirka biex tirregola l-Kitba Maltija. Il-perċimes kienu Napuljun Tagliaferro, Ninu Muscat-Fenech, A. E. Caruana, Killi Ferris u Ġużè Muscat-Azzopardi. Imma l-ħidma tagħhom ma seħħetx.

Fl-1901 Ġanni Vassallo kiteb "Il-Muftieħ tal-Chitba Maltija" imma donnu li ż-żmien kien għadu ma wasalx biex ir-rivoluzzjoni letterarja ssir.

Fl-1904 riħ qawwi beda jonfoħ favur il-kitba Maltija u f'dan il-Moviment reġgħu dehru Napuljun Tagliaferro, Ġużè Muscat-Azzopardi u magħhom qabda kittieba oħra ġodda fosthom Fonsu Marija Galea, il-ġeżwita E. Magri, Pawlu Bellanti, Dun Ġużepp Farrugia, Wistin Levnzin, il-Prof. Nerik Magro, Ċensu Busuttil u wara żdiedu magħhom Ġanni Vassallo, Dun Karm Psaila, Mons. Pawlu Galea, u aktar tard Ninu Cremona, l-Avukat Ġużè Micallef u Mons. Kan. Dun Pawl Cauchi.

Issa ż-żmien tal-fidwa kien beda joqrob sewwa u wieħed żagħżugħ, Franġisk Saver Caruana, tafa' l-ewwel xrara billi għaqqad miegħu xi oħrajn, u f'Novembru ta' l-1920 twieldet il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" li wara ħafna xogħol ta' reqqa u studju, u wara li kienet talbet lil kull Malti li huwa interessat, biex jingħaqad magħha, ħarġet it-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* fl-1924.

F'Kunċert li kien sar fit-Teatru Manoel fit-3 ta' Frar 1934 biex jingabru xi flus ħalli dan il-Ktieb jidher stampat, kien indaqq l-Innu Malti, li l-lum sar l-Innu Nazzjonali tagħna l-Maltin, u dan juri rabta bejn l-Ilsien Malti u n-Nazzjon Maltija.

Is-sigriet li l-lum jista' jinkixef u li jispjega l-għala "Il-Malti"—l-organu tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti"—baqa' joħroġ regularment sal-lum u għandu 30 sena ħajja u l-għala qatt ħadd ma attakkah, is-sigriet hu li, kif qal l-Editur fit-tieni ħarġa



ta' "Il-Malti" (dan kien fl-1924): Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kien fiħsiebha li ma tidħol qatt fil-politika.

Wara l-ewwel Editur, li kien Ġużè Muscat-Azzopardi, laħaq Dun Karm Psaila u warajh it-Tabib Ġużè Galea. It-tlieta żammew kelmithom u fir-Rivista "Il-Malti" ma ħallew lil ebda kittieb iqabbeż fin-nofs il-politika.

Mill-1924 'il hawn ingħaqdu għaxriet ta' Maltin oħra u wara saru mijiet u aktar tard eluf u eluf ta' l-eluf. Il-lum il-Malti huwa meqjum minn kulħadd. Ftit huma dawk li għall-interessi persunali tagħhom għadhom rashom iebsa.

L-eluf ta' żgħażagħ li jħobbu l-Ilsien Malti, iħobbu wkoll l-Istorja ta' Malta, il-qedem Malti, il-letteratura Maltija u għaliha qegħdin jaħdmu bla hedu, u fost dawn il-ħafna żgħażagħ intom l-imseħbin tal-"Għaqda Letterarja Maltija" tiffurmaw kolonna qawwija, kolonna fost kolonni oħra li fuqhom qed jinbena palazz kbir, sabiħ, għani, li għad jilqa' fi ħdanu l-Maltin kollha.

Din hija x-xewqa li nixtiqilkom għas-sena l-ġdida.

---

# NOTI FUQ IL-FONETIKA U MORFOLOĠIJA MALTIJA

## FONETIKA

*Il-Vokali* U: Il-vokali *u* qatt ma jkollha warajha żewġ konsonanti fl-istess sillaba: *serbut*, *tebut*, *but*.

## DISSILLABI TRILITTERI—QATEL

### REGULA ĠENERALI:

a) Meta t-tieni vokali hija *i* jew *u*, ikollha l-aċċent toniku fuqha; meta l--vokali hija *e* jew *o*, tkun mingħajr aċċent. Eż: *Ħafîf*, *qadîm*, *ħarûf*, *ħanût*; *ráġel*, *ħátem*, *sómor*, *ħólom*.

b) Meta t-tieni vokali hija *a*, din tista' tkun bl-aċċent toniku jew mingħajru.

Fin-nomi: (bl-aċċent): *aħbâr*, *ħitân*; (bla aċċent) *qámar*, *qásab*.

Fl-aġġettivi: (bla aċċent) *áħdar*, *ísmar*, *áħrax*.

Fil-verbi: (bla aċċent) *fétaħ*, *qála'*, *dálam*.

### MORFOLOĠIJA

*Għ* bħala t-tieni konsonanti ta' verbi:—

Verbi bit-tieni konsonanti *għ* ma jeħdux it-tieni forma; flokha jieħdu t-tielet forma. Hekk flok *nagħal* ngħidu *niegħel*, flok *wegħgħed* jew *wagħgħad* minn *wegħda* ngħidu *wiegħed*, flok *bagħgħad* ngħidu *biegħed*, flok *qagħgħad* ngħidu *qiegħed*.

Bosta verbi bit-tieni konsonanti *j* jew *w* huma mnisslin minn nomi. Eż: *Għabbar* minn *għabra*; *dewwed* minn *dud*; *għawweġ* minn *għawġ*; *sawwat* minn *ġewweż* minn *ġewż*; *żewweġ* minn *żewġ*; *għajjen* minn *għajn*; *sawt*; *newwel* minn *newl*. Oħrajn huma mnisslin minn verbi moħfijin. Eż: *tajjar* minn *tar*; *fawwar* minn *far*.

a. c.